MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 797/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**JESMOND HAIDON**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jesmond Haidon ta’ 41 sena iben Charles u Antonia nee’ Stivala, imwieled Pieta’ nhar 9/01/1971, u residenti 16, Flt 2, Triq il-Kewba, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru: 70471(M).

Gie akkuzat talli, bejn il-lejl tal-25 ta' Gunju 2012 u dak tas-26 ta' Gunju 2012 fl-inhawi ta' Bormla, kkommetta serq ta' oggetti u cioe pitturi, liema serq, li sar ghad-detriment ta' Francis Teuma minn Bormla u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37, kif ukoll huwa ikkwalifikat bil-hin, kif ukoll bil-mezz. lok.

U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe' hames pitturi liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57, imma mhux aktar minn Euro 2329.37;

U aktar talli kiser sentenza sospiza moghtija mill-qorti tal-magistrati Malta datata 25/6/2011 quddiem Mag A. M Trigona LL.D.
U finalment qieghed jigi akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 u tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat Jesmond Haidon m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u r-raba’ akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-kosegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni

tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u r-raba’ akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ksur ta’ Sentenza sospiza, iddikjara li dina s-Sentenza sospiza diga’ giet resa operattiva u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jesmond Haidon, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u r-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Jesmond Haidon ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin (20)xahar prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Jesmond Haidon liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmij tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat liema akkuza tirrigwarda ksur ta' Sentenza sospiza, fid-dawl ta'

dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------